MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 189/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Annabelle Camilleri Monreal**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Annabelle Camilleri Monreal**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bint Martin u Rosemary xebba Busuttil, imwielda Pietà nhar it-18 ta' Mejju 1985, u residenti tas-Sellum, Apt. 521, Triq it-Tunnara, Mellieha, detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 311185(M), akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Dicembru 2012:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal biza' jew tama dwar xi haga kimerika, ghamlet qliegh ghad-dannu ta' Juana Segura Escobar u dan bi ksur ta' Artikoli 308 u 310(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi kisret xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqha wara li kienet instabet hatja ta' reat mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Edwina Grima LL.D, datata 21 ta' Lulju 2011 u dan bi ksur ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tikkonsidra lil Annabelle Camilleri Monreal bhala recidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Semghet ix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 105), lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti l-pozizzjoni taghha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tad-difiza (*a fol.* 106 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' April 2013, xehdet **Juana Segura Escobar** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn qalet li fi tmiem is-sena 2012 kienet il-belt Valletta flimkien mal-habiba taghha peress li bdew ifittxu appartament biex jikru. Tghid li ltaqghet mal-imputata li qalet li kienet tahdem ma' Locations Valletta. Tispjega kif l-imputata wriethom zewg appartamenti u li habiba taghha (tal-parti leza) iffirmat il-kuntratt gurnata qabilha u li hi (Escobar) tatha xi flus biex tkun tista' tikri l-appartament. Tixhed li l-imputata tatha l-*business card* taghha, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JSE 1" (*a fol.* 25). Tixhed li l-imputata qaltilha li, sabiex il-ftehim ikun jista' jigi ffirmat, hi (l-parti leza) kellha thallas l-ewwel xahar u l-kommissjoni taghha, kif fil-fatt huma ghamlu tant li l-ftehim gie ffirmat. Tghid li l-hlas totali kien dak ta' €630: €420 ghall-kirja tal-ewwel xahar u €210

ghall-kommissjoni. Ezebiet il-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. "JSE 2" (*a fol.* 26 *et seq.*). Ezebiet ukoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. "JSE 3" (*a fol.* 29). Tispjega li kienu miftehmin li hi (il-parti leza) kellha taghmel kuntatt mal-imputata jumejn qabel kellha tibda l-kirja sabiex tkun tista' tghaddielha c-cwievet u li minkejja li l-parti leza ghamlet kuntatt maghha u kienu anke miftehmin biex jiltaqghu f'hin u post partikolari, l-imputata baqghet ma marritx. Tixhed li marret ghand Locations Valletta u li persuna hemmhekk infurmaha li meta gie ffirmat il-kuntratt, l-imputata ma kienitx ghadha qed tahdem maghhom. Tispjega li minkejja li ghamlet diversi kuntatti mal-imputata u minkejja li kienu miftehmin li jiltaqghu, l-imputata qatt ma tfaccat u b'hekk hi (il-parti leza) marret ghand il-Pulizija. Tixhed li hi hadet il-flus lura kollha wara li marret ghand l-avukat taghha li baghat ittra lill-Pulizija, liema ittra giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JSE 4" (*a fol.* 30). Ezebiet numru iehor ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JSE 5" sa "JSE 9" (*a fol.* 32 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Godwin Scerri** (*a fol.* 38 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li l-parte leza kienet irraportat l-Ghassa tal-Pulizija tal-belt Valletta meta marret hemm fit-22 ta' Jannar 2013. Jghid li meta baghat lil PS 549 Reuben Pace biex imur gewwa Locations Real Estate, PS 549 tkellem ma' Paul Caruana (sid il-kumpanija Locations) fejn stqarr li kien veru li kienet marret il-parti leza tilmenta li kellha kuntratt maghhom u baqghet minghajr residenza, izda huwa ma kien awtorizza xejn lill-imputata u li l-imputata ma kienitx u qatt ma kienet impjegata ma' Locations. Jghid li meta baghat ghal Paul Caruana dan kien infurmah li Caruana kien qal lill-imputata li kien ser jaghmlilha tip ta' kuntratt bhala *trainee* pero ghal xi raguni dan baqa' qatt ma sar. Jixhed li meta Caruana gie mistoqsi jghid jekk qattx ta xi permess, kemm bil-fomm jew bil-miktub, biex l-imputata tkun tista' tahdem mal-kumpanija Locations Valletta, Caruana stqarr li qatt ma kien

ghamel l-ebda ftehim mal-imputata. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "GS 1" sa "GS 5" (*a fol.* 44 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputata qaltlu li kienet tahdem ma' Locations Valletta fuq bazi ta' *commissions*. Jghid li meta wera l-*business card* tal-imputata lil Paul Caruana u staqsieh jekk din kienitx tax-xoghol taghhom, Caruana kkonferma li kienet l-istess tip ta' *business card* taghhom pero li din saret minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, xehed ukoll **Paul Caruana** (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn spjega li huwa jimpjega nies fil-kumpanija tieghu bl-isem ta' Locations Valletta. Jixhed li l-imputata kienet marret ghandu u qaltlu li kien hemm persuna interessata li tixtri d-dar ta' ommu u li dan kollu baqa' ma sehhx u li kien hemm weghdiet biss. Mistoqsi jghid x'tip ta' relazzjoni kellu mal-imputata, jghid li ma kien hemm l-ebda relazzjoni pero jghid li hi bdiet tmur l-ufficcju u taghmilha mal-*associates*. Jghid li huwa ma tantx ikun l-ufficcju. Mistoqsi jghid jekk qattx awtorizza li jsir xi x'tip ta' negozju f'isem il-kumpanija minn naha tal-imputata, wiegeb fin-negattiv. Jghid li hu qatt ma awtorizza li jsiru xi *business cards* f'isem l-imputata.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2013, xehed **PS 549 Reuben Pace** (*a fol.* 62 *et seq.*) rigward l-okkorrenza redatta minnha, liema okkorrenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "RP 1" (*a fol.* 64 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2014, xehdet l-imputata **Annabelle Camilleri Monreal** (*a fol.* 79 *et seq.*) fejn qalet li fil-31 ta' Ottubru kienet giet imsejha ghall-*interview* ghand il-Locations

Valletta u li kella tibda fl-1 ta' Novembru. Tghid li kienet ikkomunikat ma' Paul Caruana, direttur ta' Locations Valletta. Ezebiet numru ta' *emails* li gew immarkati bhala Dok. "ACM 1" (*a fol.* 88 *et seq.*). Tghid li mhux minnu dak li xehed Paul Caruana f'dawn il-proceduri u dana *stante* li hu kien ordna l-*business cards* taghha u li mill-*emails* jirrizulta ghand min dawn gew ordnati. Ezebiet numru ta' *emails* ohra li gew immarkati bhala Dok. "ACM 2" u "ACM 3" (*a fol.* 94 *et seq.*). Tghid li l-parti leza kienet hallset €420 ghall-kirja tal-ewwel xahar u €210 ghall-kommissjoni, li tghid ma kienux kollha taghha. Tghid li kien gie ffirmat il-ftehim tal-kirja. Mistoqsija tghid x'kienet ghamlet bil-flus li kienet ghadditilha l-parti leza, wiegbet : *"Il-flus kienu qeghdin ghandi l-420 u t-210 ma tajtu xejn lil Paul ghax ghidt jekk ma jsirx in-negozju jiena rrid intihomla qbadt jiena zammejthom ghandi u ghedtilha ha nghidlek jekk inti qed tahseb, ghax imbaghad baghtitli email u baghtli l-avukat taghha imbaghad kont ghedtlu biex jkellem lilek, imbaghad kien baghat l-iSpettur Godwin Scerri u ghedtlu jien din hija l-pozizzjoni"* (*a fol.* 83).

In <u>kontro-ezami</u> tghid li saret taf b'Locations Valletta minn fuq is-sit 'Maltapark'. Tichad li pprintjat il-*business cards* tal-Locations Valletta hi stess. Mistoqsija tghid jekk ghandhiex fil-pussess taghha dokumenti li juru li hija kienet fil-fatt impjegata ma' Locations Valletta, wiegbet li kienet staqsiet biex isir il-ktieb tax-xoghol tal-ETC u kienet giet infurmata biex tistenna ftit. Tghid li l-ktieb tax-xoghol baqa' ma sarx u li hija ma ghandha l-ebda dokument li juri li kienet tahdem hemm. Tikkonferma li l-hlas lura tal-flus lill-parti leza sar wara li hi (l-imputata) giet ipprezentata l-Qorti b'arrest. Mistoqsija mill-Qorti tghid jekk dakinhar li giet imressqa l-Qorti b'arrest, u cioé fis-26 ta' Frar 2013, kienitx diga ghaddiet il-flus, wiegbet fl-affermattiv u tghid li kienet ghaddiethom lill-avukat.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **Dr. Roberto Montalto** (*a fol.* 103 *et seq.*) fejn ikkonferma li qabel saret il-prezentata tal-imputata, il-flus kienu gew mghoddija lilu pero ma jafx kemm qabel il-prezentata dawn il-flus gew mghoddija lilu. Jghid li jinsab kwazi cert li diga kien hemm l-involviment tal-Pulizija qabel gew mghoddija l-flus.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-impressjoni tieghu hi li kollox sar fil-gurnata li saret il-prezentata. Jghid: *"Issa ghalhekk mhux qed neskludi li qabel il-prezentata kienet gia ghaddietli l-flus jew konna ghamilna l-arrangementi kollha biex immedjatament wara l-prezentata l-flus jigu mghoddija u jien nghaddihom lil Dr. Borg"* (*a fol.* 104).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-<u>ewwel stqarrija</u> (*a fol.* 47 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputata nghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat u hija ma hadietx dan id-dritt, l-imputata, fost l-ohrajn, qalet li ghamlet zmien tahdem ma' Locations Valletta, li kienet tibda fit-8.30am, kellha skrivanija u kienu jaqdu l-klijenti fuq kiri ta' proprjeta' u li daqqa kienu jigu huma u drabi ohra b'*emails*. Giet mistoqsija fuq il-ftehim li kien gie milhuq mal-parti leza u l-imputata fejn il-parti leza kienet qaltilha li hi (l-imputata) kienet serqitha. Mistoqsija tghid jekk hija kienitx qed tuza l-*cards* tal-kumpanija Locations Valletta biex tiehu depoziti ghaliha, wiegbet: *"Le jiena uzajthom l-ahhar ma' Kate u ma' l-ohra, baqali wahda d-dar biss"* (*a fol.* 49).

Illi, fit-<u>tieni stqarrija</u> (Dok. "GS 3" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata mill-imputata lill-Pulizija, fejn l-imputata talbet li tkellem lill-Ufficjal Prosektur, l-imputata qalet hekk:: *"Jiena taghomli hi is-650 biex*

*nikrilha dan il-post ta' Ben u waqt li qieghda kwieta ftakart li l-flus kienu dovuti lil Paul, pero l-flus jiena zammejthom, ghax Paul qalli imbaghad niltaqghu u naghti l-clearance li ma ghadniex nahdem hemm. Jiena qatt ma mort u s-650 zammejthom ghandi. Ghax kellu jtini xi 400 Euros ta' xi ikliet"* (*a fol.* 50). Ikkonfermat li kienet lestha trodd lura l-flus ta' €650.00 li kienu gew mghoddija lilha. Mistoqsija tghid jekk tafx li dawn ma kienux taghha, tikkonferma. Tghid li ddecidiet li tehodhom ghax Paul kellu jaghtiha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tinsab akkuzata b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel imputazzjoni l-imputata tinsab akkuzata bir-reat ta' frodi u taht it-tieni imputazzjoni l-imputata tinsab akkuzata li kisret il-provediment meta gie applikat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront taghha. Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tikkunsidra lill-imputata bhala recidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Frodi)</u>**:

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu.

Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmem l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

[...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat.*

*Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"".*

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali iccitat lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-*

*ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li ccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente."* (Cassazione penale sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

*"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del*

> *carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak li jirrizulta mil-atti processwali, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Id-depozizzjoni ta' Paul Caruana (*a fol.* 58 *et seq.*) ma konvincietx il-Qorti. Dan qieghed jinghad peress li meta Caruana gie mistoqsi jghid x'tip ta' relazzjoni kellu mal-imputata, jghid li ma kien hemm l-ebda relazzjoni pero jghid li l-imputata bdiet tmur l-ufficcju u taghmilha mal-*associates*. Huwa jzid jghid li ma tantx ikun l-ufficcju. Ghad-domanda dwar jekk huwa qattx awtorizza li jsir xi x'tip ta' negozju f'isem il-kumpanija Locations Valletta minn naha tal-imputata, wiegeb fin-negattiv. Dawn ir-risposti ma tantx jikkonvincu lill-Qorti u dana *stante* li mid-dokumenti ezebiti mill-imputata meta tat id-depozizzjoni taghha, b'mod partikolari Dok. "ACM 3" (*a fol.* 98), il-Qorti tiehu hjiel li effettivament kien hemm zmien fejn l-imputata u Locations Valletta kellhom relazzjoni ta' impieg jew relazzjoni ohra f'dan is-sens. Apparti minn dan, minkejja li Caruana jghid li hu qatt ma awtorizza li jsiru xi *business cards* f'isem l-imputata, dan wahdu ma jwassalx ghal konvinciment li effettivament l-imputata ghamlet *business cards* bhal ta' Locations Valletta minn wara dahar Caruana.

- Meta Caruana ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, id-difiza oggezzjonat li Caruana jixhed stante li dakinhar li gie mitlub jixhed kien prezenti fl-awla meta ta d-depozizzjoni tieghu l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Godwin Scerri. Il-Qorti ordnat li Caruana jixhed xorta wahda u rrimarkat li kienet ser tiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li Caruana kien prezenti waqt li l-iSpettur Scerri ta d-depozizzjoni tieghu (*a fol.* 37).

- Fid-depozizzjoni taghha, Juana Segura Escobar (*a fol.* 20 *et seq.*) xehdet li meta marret ghand Locations Valletta, il-persuna li kien hemm infurmaha li meta gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni, l-imputata ma kienitx ***ghadha*** qed tahdem maghhom. Dan ifisser li effettivament kien hemm zmien fejn l-imputata kienet tahdem ma' Location Valletta.

- Meta xehdet l-imputata quddiem il-Qorti, l-imputata baqghet konsistenti ma' dak li qalghet lill-Ufficjal Prosekutur meta rrilaxxat l-istqarrijiet taghha lilu (*a fol.* 47 *et seq.* u *a fol.* 50 *et seq.*).

- Ma jirrizultax pruvat li effettivament l-imputata ghamlet dak li gie elenkat hawn fuq rigward x'jikkostitwixxi r-reat ta' frodi.

Illi, tenut kont tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata u tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputata kellha l-intenzjoni li taghmel att ta' frodi fil-konfront ta' xi hadd. Ma jirrizultax lanqas li l-imputata kellha intenzjoni li taghmel xi qliegh. Ghaldaqstant, l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Kundizzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446)</u>**:
Illi, tenut kont tal-fatt li l-imputata ser tigi liberata mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha ma tistax tinstab htija fl-imputata fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, li minnha l-imputata ser tigi liberata wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata ma giet sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputata ser tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha. Isegwi ghalhekk li l-Qorti ma ghandha l-ebda

bazi fuq xiex tikkunsidra lill-imputata bhala recidiva *ai termini* ta’ Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif talbet il-Prosekuzzjoni fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata Annabelle Camilleri Monreal hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b’hekk tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------